Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2164(DEC)

24.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (qabel id-19.1.2022, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil) għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2164(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

2. Jilqa' l-fatt li żewġ kwistjonijiet, l-għadd kbir ta' maniġers temporanji u n-nuqqas ta' aġġornament tal-politika għall-ġestjoni u l-prevenzjoni ta' kunflitt ta' interess, li l-Qorti kienet identifikat fl-osservazzjonijiet tagħha fis-snin preċedenti, ġew indirizzati; jinnota li l-osservazzjonijiet dwar il-proċeduri ta' akkwist irrappurtati fis-snin preċedenti, b'mod partikolari l-bini mikri f'Lesbos u f'Ruma, se jingħalqu fl-2023;

3. Jilqa' l-isforzi tal-EUAA biex timplimenta l-mandat il-ġdid fis-seħħ minn Jannar 2022 minkejja l-għadd insuffiċjenti ta' membri tal-persunal addizzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippermettu persunal addizzjonali u klassifikazzjoni mill-ġdid ta' ċerti pożizzjonijiet biex jiżguraw implimentazzjoni xierqa b'mod partikolari fir-rigward tal-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali, ir-riżerva ta' intervent għall-ażil u l-attivitajiet ta' monitoraġġ u dawk operattivi sabiex jiżguraw li d-drittijiet tal-applikanti għall-ażil dejjem ikunu salvagwardjati u allinjati mar-regoli applikabbli;

4. Ifakkar fir-rwol tal-EUAA fl-għoti ta' appoġġ kemm għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll għat-taħriġ tal-caseworkers responsabbli għall-ipproċessar tat-talbiet għall-ażil; isemmi l-ħtieġa li l-EUAA tkompli tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi fit-trattament tal-applikazzjonijiet b'rabta mal-ażil u mal-migrazzjoni; jappella biex il-baġit jiffoka fuq aktar reklutaġġ ta' persunal jekk dan ikun meħtieġ biex jiġu megħjuna l-Istati Membri biex jiġi żgurat eżami ekwu u ġust tal-applikazzjonijiet għall-ażil għall-protezzjoni internazzjonali, speċjalment tal-interpreti u tal-psikologi għall-applikanti li jagħmlu parti minn gruppi vulnerabbli;

5. Jilqa' l-fatt li kważi 4 miljun persuna bbenefikaw minn protezzjoni temporanja wara li l-Kunsill ta mandat lill-EUAA, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), biex jipprovdu appoġġ operattiv lill-Istati Membri li jitolbu assistenza bil-għan li jlaħħqu mal-wasliet tar-rifuġjati wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna;

6. Ifakkar fir-rakkomandazzjoni tal-awtorità ta' kwittanza fir-rapport tagħha għall-2020; jinnota li l-EUAA għadha qed tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistema ta' akkoljenza protettiva għall-minorenni mhux akkumpanjati permezz tal-għoti ta' taħriġ, appoġġ operattiv, gwida, għodod u materjal ta' informazzjoni bħal fuljetti u filmati mmirati lejn il-minorenni fl-akkoljenza; ifakkar li fl-2022, tressqu 42 000 applikazzjoni għall-ażil minn minorenni mhux akkumpanjati fl-UE u fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja u fl-Iżvizzera (pajjiżi tal-UE+); japprezza wkoll l-organizzazzjoni ta' laqgħa tematika fis-Slovenja bil-parteċipazzjoni ta' 13-il pajjiż li permezz tagħha diversi partijiet

ikkonċernati jkunu jistgħu jiddiskutu l-aħjar prattiki għall-faċilitajiet ta' akkoljenza ta' minorenni mhux akkumpanjati;

7. Jinnota b'sodisfazzjon li l-EUAA implimentat pjanijiet operattivi f'14-il Stat Membru, u b'hekk estendiet l-operazzjonijiet tagħha għal sitt pajjiżi addizzjonali tal-UE, kif ukoll li l-EUAA bagħtet persunal f'pajjiż mhux tal-UE, il-Moldova, għall-ewwel darba minn mindu nħolqot; japprezza wkoll l-impenn qawwi tal-EUAA fid-dimensjoni esterna tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) li tappoġġja lill-pajjiżi tal-UE+ fir-risistemazzjoni ta' 2 585 persuna permezz tal-appoġġ ta' 13-il missjoni ta' selezzjoni u 3 missjonijiet ta' qabel it-tluq;

8. Jinnota l-assistenza tal-EUAA lill-pajjiżi sħab tal-Balkani tal-Punent permezz tal-forniment ta' bini tal-kapaċità istituzzjonali, taħriġ u coaching fuq il-post tax-xogħol dwar il-proċeduri ewlenin tal-ażil;

Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-ftehimiet bejn l-UE u l-pajjiżi assoċjati maż-żona Schengen li jservu bħala bażi legali għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-baġit tal-EUAA mhumiex ċari u jagħtu lok għal interpretazzjonijiet diverġenti, li jirriżultaw f'kontribuzzjoni aktar baxxa mill-pajjiżi assoċjati maż-żona Schengen; jinnota t-tweġiba tal-EUAA li l-approċċ tagħha huwa konformi mad-dispożizzjonijiet legali; jistieden lill-Kummissjoni teżamina dawn il-ftehimiet;

Ifakkar li l-OLAF bħalissa qed iwettaq investigazzjonijiet dwar allegazzjonijiet ta' mġiba ħażina u irregolaritajiet relatati mal-persunal fil-maniġment superjuri tal-EUAA; jitlob li l-allegazzjonijiet ta' mġiba ħażina jiġu vverifikati u investigati bir-reqqa; jilqa' l-impenn tal-EUAA favur kooperazzjoni sħiħa mal-OLAF; jistieden lill-EUAA tiżgura kooperazzjoni sħiħa u leali mal-OLAF fl-istadji kollha tal-investigazzjoni u tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew dwar il-progress u l-eżitu tal-investigazzjoni.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 –: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Beata Kempa, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni:

Entità u/jew persuna
European Union Agency for Asylum ("EUAA")

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

51	+
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
NI	Laura Ferrara
PPE	Magdalena Adamowicz, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

4	-
ID	Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche
NI	Milan Uhrík

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni